Iżda mid-dokumenti li għandna f'idejna hija ħaġa ċara illi d-difna tiegħu saret f'xi banda jew oħra ta' wieħed miċ-ċimiterijiet ta' l-Ingliżi li jaħbtu taħt it-trunċieri tal-Furjana li jħarsu faċċata ta' Lazzarett fix-xaqliba tal-Port ta' Marsamxett li tagħmel mal-plajja ta' San Rokku,

A. C.

*(Jissokta)*

# L-EWWEL MIĠJA TAR-RE ĠORĠ MALTA

Meta r-Re tagħna Ġorġ V kien għadu Duka ta' Kornwal u York, ġie Malta mal-erbgħa u tletin sena ilu (Marzu 1901). Qabel kien ġie drabijiet oħra Malta meta kien fizzjal fuq tal-gwerra imma meta sar Duka ta' York kien dar dawra mad-dinja bħal bin ir-Re Dwardu VII.

Hawn kellna Gvernatur il-Ġeneral Sir Francis Grenfell li ħaseb li juri lid-Duka x'kien hawn ta' ħwejjeġ sbieħ f'Malta; għalhekk ftiehem max-xirka ta' l-*Arti, Xogħlijiet u Kummerċ* biex ifittxu jinġabru minn dix-xirka l-aħjar xogħlijiet ta' żmienna u tal-qedem biex issir wirja kbira fil-palazz ta' Xara, quddiem San Ġwann, fejn kienet tinġabar ix-xirka msemmija *Dar is-Sengħa* (Palazzo Industriale).

Il-kap ta' din ix-xirka kien il-Konti Sant Fournier, warajh kien jiġi s-sur Wenzu Falzun, għall-ġbir tal-flus kien is-sur Lużar Leonardini; is-segretarju kien it-tabib Temistocle Zammit.

Twaqqaf Kumitat għall-wirja ta' erbgħa min-nies li kienu: L-imħallef Pullicino, il-Konti Sant Fournier, il-Konti Caruana Gatto, id-Dekan Vassallo, il-Kanonku D. Salv Grech, il-Markiż De Piro u l-Markiż Testaferrata Bonici, għax-xogħlijiet tan-nisa kien hemm Lady Dingli, il-Kontessa Sant



Fournier, il-Markiża Apap Testaferrata, is-sinjura La Primaudaye, is-sinjura St. Aubyn, is-sinjura G. M. Vella u s-sinjura H. Balbi

Inġabru minn kull xorta ta' ħwejjeġ, pitturi, disinnji, tapizzeriji, fided, rakkmu, bizzilli, u sa tliet ġabriet tal-bolli, għax intqal li d-Duka kien jiġbor il-bolli u kien jifhem fihom ħafna. Il-wirja infetħet fis-26 ta' Marzu 1901 u d-Duka u martu ħarġu ferħanin kemm jista' jkun b'dak li raw, għax qatt ma ħasbu li fi gżira hekk żgħira setgħu jinġabru ħwejjeġ hekk sbieħ.

Din il-wirja ġiebet warajha ħaġa sabiħa li l-lum qiegħda żżejen lil Malta. Irrid ingħid li mħabba din il-wirja ġie f'ras il-Gvernatur Grenfell li jsir Mużew tal-Gvern li fih jinġabru kulma jixraq wieħed iżomm għall-ġieħ tal-pajjiż u għall-fdal tal-ġrajja kollha ta' dawk il-ġnus li għaddew minn fuq il-gżira.

Il-Gvernatur talab lit-tabib Temi Zammit li jieħu ħsieb igħaqqad dan il-Mużew, bħala Kuratur — għall-ewwel ma tantx kien hemm x'tiġbor imma ħaġa l-lum u ħaġa għada, il-lum qabar u għada Maqdes, issa ġebla minquxa u issa il-lum qabar u għada Maqdes. issa ġebla minquxa u issa xaqqufa il-Mużew sar u kiber u stagħna u l-barranin sebgħu bih u ġew iżuruħ u l-lum fih miġbur kulma nsab fil-gżejjer tagħna b'għaġeb kbir ta' Malta u aktar tal-għorrief barranin li sabu li għandna Mużew li jħabbatha ma' l-aħjar Mużew tad-dinja jekk m'hux fil-kobor, fil-ġmiel ta' ħwejjeġ u fil-qedem tagħhom. Hekk il-miġja tar-Re tagħna sfiet ta' fejda kbira għal din l-art għax Grenfell kellu l-għaqal li jiżra' siġra li bil-ħniena t'Alla kibret u tammret u naħseb li qatt ma tiġi nieqsa għal żmien twil bil-għajnuna tas-Sema.

T. Z.

26 ta' Marzu 1935